# IT-TIENI PARTI

# IT-TIENI SEZZJONI

# APPELLI INFERJURI

**29 ta' Jannar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Antonia Attard Gialanze

*versus*

Emanuel u Doris Rizzo

## Preskrizzjoni - Eċċezzjoni ta' - Kompatibilità ma' Eċċezzjonijiet Oħra - Rinunzja ta' - Artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili - Artikolu 728 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

*L-attur aġixxa irkupru ta' kreditu. Ġiet eċċepita l-preskrizzjoni estintiva u li sussidjarjament l-ammont mitlub kien esagerat. L-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u sar appell minn din is-sentenza. Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi mill-ġurisprudenza l-insenjament li ħareġ kien dejjem fis-sens, salv xi sfumaturi partikolari minn każ għal ieħor, illi d-debitur illi ammetta li għandu jagħti lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bħala eżatta s-somma pretiża, jiġi li jirrinunzja taċitament għall-prekrizzjoni. Huwa veru li llum seħħew emendi fil-liġi proċedurali li jesiġu fuq il-konvenut li jissolleva l-eċċezzjonijiet tiegħu kollha f'daqqa. Madankollu dan ma jfissirx li dan isir in deroga tal-*

*prinċipju u d-dottrina legali li evolvew maż-żmien.*

*Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellati li t-tieni eċċezzjoni tagħhom saret bla preġudizzju, anke hawn hemm insenjament ċar u ċjoè illi: "xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla preġudizzju ta' l-eċċepita preskrizzjoni, in vista tal-prinċipju* protestatis contra factum non relevat *u bil-fatt tiegħu stess il-konvenut ġie rrinunzja għall-preskrizzjoni ...".*

*L-argument li l-konvenuti kienu obbligati li jressqu l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom f'daqqa ma jbiddilx mis-sustanza ta' din id-dottrina legali kif fuq enunċjata.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza appellata fuq il-punt tal-preskrizzjoni u rrinvijat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

L-attriċi ppreżentat avviż fejn talbet il-kundanna tal-konvenut biex iħallasha s-somma ta' mitejn u tmintax il-lira Maltija (Lm218) rappreżentanti din is-somma bilanċ minn somma akbar merċa kkonsenjata u mhux imħallsa;

Il-konvenuti ppreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet fejn eċċepew illi l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148 (b) tal-Kodiċi Ċivili u sussidjarjament u bla preġudizzju fi kwalunkwe każ, l-ammont mitlub huwa esaġerat;

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza tagħha tat-28 ta' Frar, 1997, laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ċaħdet it-talba attriċi;

L-attriċi appellanti ħasset ruħha aggravata minn din is-sentenza u interponiet appell minnha fuq l-aggravji segwenti:

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija insostenibbli stante li din hija kontradetta mit-tieni eċċezzjoni peress illi l-istess konvenut b'din it-tieni eċċezzjoni jammetti li hemm debitu;

Illi inoltre, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija ukoll insostenibbli minħabba li ma ġiex aderit dak li hemm provdut fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili;

Għaldaqstant l-appellanti talbet li din l-Onorabbli Qorti *joġgħobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella* s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Frar, 1997, u okkorrendo jidhrilha opportun, tirrimanda l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti għall-prosegwiment fuq il-meritu;

L-appellati konvenuti wieġbu hekk:

Illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

*Illi l-appell interpost huwa mhux biss insostenibbli iżda* frivolu u vessatorju għar-raġunijiet segwenti:

*Skond l-artikolu 728 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u* Proċedura Ċivili, il-konvenuti kienu obbligati li jissollevaw l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom fin-nota ta' eċċezzjonijiet;

Ma hemm ebda kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni sia għaliex skond l-imsemmi artikolu 728 subinċiż (1) *l-eċċezzjonijiet fil-meritu huma kkunsidrati li ġew* issollevati bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ta' natura dilatorja u sia għaliex effettivament it-tieni eċċezzjoni ġiet espressament *iddikjarata li kienet qed tiġi ssollevata* bla preġudizzju għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Kwantu għall-aħħar aggravju, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet tkun insostenibbli skond l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili li kieku l-konvenuti ngħataw il-ġurament u rrispondew kif jiddisponi l-artikolu in kwistjoni. Kif jidher mill-atti, però, dan ma ġarax għas-sempliċi raġuni li l-appellanti qatt ma ndenjat ruħha tattendi għall-kawża;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dana l-appell, il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

*L-appell ta' l-attriċi huwa wieħed ta' indole legali.* L-ewwel aggravju huwa dak li fil-fatt li l-konvenuti kienu ssollevaw ukoll eċċezzjoni fil-meritu, allura dan ifisser li l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija insostenibbli stante li din tkun ġiet kontradetta mill-eċċezzjoni l-oħra fil-meritu. L-appellati konvenuti invece jissottomettu illi in vista ta' l-artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konvenuti kienu obbligati li jissollevaw l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom *kif għamlu u li* dan *inoltre* espressament għamluh mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet li sarulha kemm fid-dawl ta' dak li tgħid il-liġi kif ukoll il-ġurisprudenza nostrali in materja. Huwa veru li llum seħħew emendi fil-liġi proċedurali li jesiġu fuq il-konvenut li jissolleva l-eċċezzjonijiet tiegħu kollha f'daqqa. Madankollu dan ma jfissirx li dan isir in deroga tal-prinċipju u d-dottrina legali li evolvew maż-żmien;

Il-punt imqanqal mill-appellanti ġie dibattut diversi drabi quddiem il-Qrati tagħna, u l-insenjament li ħareġ kien dejjem fis-sens, salv xi sfumaturi partikolari minn każ għal ieħor, illi d-debitur illi ammetta li għandu jagħti lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bħala eżatta s-somma pretiża, jiġi li jirrinunzja

taċitament għall-preskrizzjoni (**Sammut *vs* Grima**, Koll. Vol. XXVIII - III - 688 u sentenzi hemm ċitati);

Illi minn eżami ta' l-eċċezzjonijiet issollevati mill-konvenuti (fol. 5 tal-proċess), il-konvenuti appellati ċaħdu dejnhom biss in vista tal-preskrizzjoni għaliex *in subsidium*, ankorke bla preġudizzju, eċċepew ukoll li:

"fi kwalunkwe każ l-ammont mitlub huwa esaġerat";

Dan jimplika li fil-meritu huma kkontestaw il-*quantum se mai* dovut. L-awtorevoli Troplong (ara *prescrizione* no. 67, Aubry et Rau VIII para. 776) jgħallem hekk:

"*Vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e l-espressione usata dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore ma non riconosceva essere esatta la somma*";

L-Ewwel Qorti semmiet il-fatt li provi li jistgħu jwaqqgħu l-perkors tal-preskrizzjoni ma nġibux quddiemha imma hu stabbilit u notorju l-fatt li meta d-debitur jallega li huwa m'għandux jagħti daqskemm il-kreditur jippretendi mingħandu, ikun ifisser li huwa rrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni (hekk ara l-Appell Ċivili, **G. Demarco *vs* G. Aquilina**, ta' l-10 ta' Ġunju, 1946). Allura u konsegwentement ikun ifisser illi:

"*la detta prescrizione opposta dal convenuto deve ritenersi inefficace attese la rinuncia fattavi*" (ara deċiżjoni tal-Prim'Awla fil-kawża **Carbun *vs* Bezzina**, tad-29 ta' Jannar, 1897);

Fi kliem ieħor, ir-rinunzja f'dan il-każ tista' tkun espressa jew taċita, u r-rinunzja minn fatt li jissuponi l-abbandun tal-jedd akkwistat (ara d-deċiżjoni in re **Borg** ***vs*** **Testaferrata Bonnici**, mogħtija fl-24 ta' Marzu, 1958);

Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellati li t-tieni eċċezzjoni tagħhom saret bla preġudizzju, anke hawn hemm insenjament ċar u ċjoè illi, (ara ukoll fost oħrajn id-deċiżjoni **Felice Fenech** ***vs*** **Carmelo Bellia** tad-29 ta' Jannar, 1960, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili);

"... xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla preġudizzju ta' l-eċċepita preskrizzjoni in vista tal-prinċipju *protestatis contra factum non relevat* u bil-fatt tiegħu stess il-konvenut ġie rrinunzja għall-preskrizzjoni ..."

L-argument li l-konvenuti kienu obbligati li jressqu l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom f'daqqa ma jbiddilx mis-sustanza ta' din id-dottrina legali kif fuq enunċjata;

Billi l-posizzjoni legali hija kif għadu kemm intqal *supra*, mhux il-lok li din il-Qorti tidħol biex tiddelibera dwar it-tieni aggravju ukoll għaliex ikun eżerċizzju superfluwu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-appell ta' l-attriċi, tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija fit-28 ta' Frar, 1997, mil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, b'dana li billi l-meritu proprju għadu mhux deċiż, tordna li l-atti kollha jiġu rinvjati mill-ġdid quddiem l-Ewwel Qorti għas-smigħ u deċiżjoni dwaru skond il-liġi;

Il-kap ta' l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenuti appellati.